IL-KUMMISSJONI EWROPEA




**NUMRU TA' IDENTIFIKAZZJONI TAT-TAXXA (NIT)**

**Karta ta' Informazzjoni tal-Pajjiż: Spanja (ES)**

## 1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kummenti* |
|---|---|---|
| - 99999999L | - 8 figuri + ittra | Persuni Fiżiċi Spanjoli: DNI* |
| - L9999999L | - L + 7 figuri + ittra | Spanjoli mhux residenti mingħajr DNI* |
| - K9999999L | - K + 7 figuri + ittra | Spanjoli residenti taħt l-14-il sena mingħajr DNI* |
| - X ó Y ó Z 9999999 | - X/Y/Z + 7 figuri + ittra | Barranin b'NIE** |
| - M9999999L | - M + 7 figuri + ittra | Barranin mingħajr NIE** |

* DNI = Documento Nacional de Identidad *(Karta tal-Identità Nazzjonali)*
** NIE = Número de Identificación de Extranjero *(Numru ta' Identifikazzjoni ta' Barranin)*

## 2. Deskrizzjoni tan-NIT

In-NIT għall-persuni fiżiċi Spanjoli huma **unikament** għal skopijiet ta' taxxa u ta' dwana u jkun fih **disa' karattri, li l-aħħar wieħed minnhom tkun ittra għall-kontroll.**

- **Persuni fiżiċi ta' nazzjonalità Spanjola:** Ġeneralment, in-NIT ikun in-numru fuq il-Karta tal-Identità Nazzjonali tiegħek, maħruġa mill-Ministeru tal-Affarijiet Interni (id-Direttorat Ġenerali tal-Pulizija). L-Amministrazzjoni tat-Taxxa se tipprovdi lil persuni fiżiċi Spanjoli li ma humiex obbligati li jkollhom Karta tal-Identità Nazzjonali (DNI) b'Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa (NIT) li jkun jibda' b'L (Spanjoli mhux residenti) jew b'K (Spanjoli residenti li jkunu taħt l-eta' ta' 14-il sena), meta tintalab tagħmel dan.

- **Persuni fiżiċi mhux ta' nazzjonalità Spanjola:** Ġeneralment, in-Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa (NIT) ikun in-Numru ta' Identifikazzjoni ta' Barranin (NIE), ukoll maħruġ mill-Ministeru tal-Affarijiet Interni. Persuni fiċiżi li ma jkunux ta' nazzjonalità Spanjola li ma jkollhomx Numru ta' Identifikazzjoni ta' Barranin (NIE) iżda li jkollhom bżonn ta' Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa (NIT) għaliex ikunu se jagħmlu tranżazzjonijiet li jkunu jinvolvu t-tassazzjoni Spanjola jistgħu jiksbu Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa li jibda' bl-ittra M, li jkun ta' natura tranżitorja, sakemm jiksbu Numru ta' Identifikazzjoni ta' Barranin (NIE), fejn ikun ixeraq, ukoll maħruġ mill-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

## 3. Fejn tista' ssibu n-NIT?

In-NIT jinġieb fuq id-dokumenti ta' identifikazzjoni uffiċjali li ġejjin:

### 3.1. Il-Karta tal-identità personali

#### 3.1.1. Il-Karta tal-identità regolari sal-2006




#### 3.1.2. Il-Karta tal-identità elettronika

F'Marzu 2006, ġiet introdotta l-karta tal-identità elettronika.




#### 3.1.3. Il-Karta ta' Residenza ta' Barranin




### 3.2. Il-Liċenzja tas-sewqan il-ġdida

Il-liċenzja tas-sewqan il-ġdida ilha tintuża sa minn Novembru 2004. Hija daqs karta tal-kreditu (9 ċm b'6 ċm).




### 3.3. Il-Karta ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa

Il-Karta ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa tinbagħat magħluqa f'ittra lil dawk il-persuni fiżiċi li jiksbu NIT. Din il-karta turi kodiċi elettroniku sabiex tkun tista' tiġi vverifikata l-awtentiċità tagħha meta jsir illoggjar fil-websajt tal-Aġenzija Nazzjonali tat-Taxxa *(Agencia Tributaria)*.




Barra minn dan, il-karta tintbagħat magħluqa f'avviż ta' tqegħid fil-mora. Ikun hemm Kodiċi ta' Verifika tas-Sigurtà fil-qiegħ tal-avviż sabiex tkun tista' tiġi vverifikata l-awtentiċità tagħha billi wieħed jilloggja fil-websajt tal-Aġenzija Nazzjonali tat-Taxxa *(Agencia Tributaria).*

Eżempju ta' kif ikun il-qiegħ ta' avviż ta' tqegħid fil-mora:
"Awtentiċità verifikabbli bl-użu tal-**Kodi ta' Verifika Sigur JKM7T8BDDSBSTNAX** fi www.agenciatributaria.gob.es".

### 3.4. Il-Karta tas-Sigurtà Soċjali

Il-karta, li tinħareġ mis-Servizz tas-Saħħa Pubblika *(Instituto Nacional de Gestión Sanitaria – INGESA),* turi - apparti l-kodiċi ta' identifikazzjoni personali u l-kodiċi ta' sħubija tas-Sigurtà Soċjali - in-numru tad-DNI tad-detentur, jiġifieri apparti n-NIT tiegħu jew tagħha.




## 4. Il-websajt nazzjonali tan-NIT

| | |
|---|---|
| Tagħrif dwar in-NIT: | www.agenciatributaria.es<br><br>http://www.agenciatributaria.es/AEAT.internet/Inicio_es_ES/La_Agencia_Tributaria/Campanas/Censos__NIF_y_domicilio_fiscal/Censos__NIF_y_domicilio_fiscal.shtml |
| Verifika onlajn tan-NIT: | Jekk il-persuna kkonċernata jkollha ċertifikat elettroniku rikonoxxut mill- |

| | |
|---|---|
| | Amministrazzjoni Nazzjonali tat-Taxxa, tkun tista' tivverifika jekk in-NIT ta' parti terza jkunx korrett u rreġistrat, billi tilloggja fil-websajt www.agenciatributaria.gob.es<br><br>Jekk id-detentur tan-NIT juri l-Karta ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa maħruġa mill-Aġenzija tat-Taxxa, kull persuna, anki mingħajr ċertifikat elettroniku, tkun tista' tivverifika l-awtentiċità tagħha billi tilloggja fil-kodiċi elettronika tal-karta fil-websajt tal-Aġenzija tat-Taxxa, l-opzjoni: *"verifika tal-awtentiċità tal-karta ta' identifikazzjoni tat-taxxa permezz ta' kodiċi elettronika".* Jekk il-persuna jkollha l-avviż ta' tqegħid fil-mora, billi tilloggja fil-*"Paragun ta' dokumenti permezz ta' Kodiċi Sigur ta' Verifika",* li jinstab fil-qiegħ tal-ittra. |

## 5. Il-Punt nazzjonali ta' kuntatt tan-NIT

| | |
|---|---|
| Kuntatt | Mhux disponibbli |

## 6. Avviż Legali

L-informazzjoni dwar in-Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa (NIT) u l-użu tal-modulu onlajn għall-verifika tat-NIT disponibbli fuq dan il-Portal Ewropew tan-NIT Portal, huma suġġetti għal dikjarazzjoni ta' rinunċja, avviż dwar id-drittijiet tal-awtur u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta personali u l-privatezza.

Avviż speċifiku dwar id-drittijiet tal-awtur għal Spanja (2012)

L-aċċess għall-kontenut ipprovdut minn Spanja fuq il-Portal Ewropew tan-NIT, u l-użu tiegħu, l-informazzjoni li fih u l-links u s-servizzi mehmuża huma l-prerogattiva tal-Agencia de Tributaria jew tal-entitajiet li jkunu qed jikkollaboraw magħha u huma protetti mid-drittijiet xierqa tal-awtur u tal-proprjetà industrijali. L-użu, ir-riproduzzjoni, id-distribuzzjoni, il-kommunikazzjoni lill-pubbliku jew it-trasformazzjoni ta' dan il-kontenut jew xi attività simili oħra hija għal kollox ipprojbita mingħajr l-awtorizzazzjoni espressa mill-Agencia de Tributaria. Il-liċenza tal-utent li juża kwalunkwe kontenut minn dan il-portal hija limitata għat-tniżżil u l-użu privat ta' dak il-kontenut, sakemm jibqa' bla mittiefes. .DNI (NIT)